

**Brussell, 15 ta' Jannar 2019
(OR. en)**

15832/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0316 (NLE)**

**DAPIX 399
DATAPROTECT 282
ENFOPOL 646
EUROJUST 179
FRONT 472
VISA 343
EURODAC 44
ASILE 89
SIRIS 194
SCHENGEN 65
CSCI 183
SAP 37
JAI 1338**

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Arranġament bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni,
tal-Arranġament bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda,
u r-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, il-Konfederazzjoni Żvizzera
u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, min-naħa l-oħra,
dwar il-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea
għat-tmexxija operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira
fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 74, il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 77(2), il-punt (e) tal-Artikolu 78(2), il-punt (c) tal-Artikolu 79(2), il-punt (d) tal-Artikolu 82(1), l-Artikolu 85(1), il-punt (a) tal-Artikolu 87(2) u l-Artikolu 88(2), flimkien mal-punt (a)(v) tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Kunsens ta'... (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ stabbilixxa l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (l-'Aġenzija').
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 jistipula li, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni tagħhom, għandhom isiru arranġamenti sabiex jiġu speċifikati, fost l-oħrajn, in-natura u l-ambitu tal-parteċipazzjoni mill-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen u miżuri relatati mal-Eurodac fil-ħidma tal-Aġenzija, u r-regoli dettaljati għal din il-parteċipazzjoni, inklużi dispożizzjonijiet dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji, il-persunal u d-drittijiet għall-vot.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011, p.1).

- (3) Il-Kummissjoni nneozjat, f'isem l-Unjoni, Arranġament bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni minn dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ('l-Arranġament'). F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1549¹, l-Arranġament ġie ffirmat fit-8 ta' Novembru 2018 suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1549 tal-11 ta' Ottubru 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Arranġament bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni minn dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 260, 17.10.2018, p. 1).

- (4) Fl-14 ta' Novembru 2018 ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ ġie adottat. Ir-Regolament (UE) Nru 2018/1726 ħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011. Kif speċifikat fir-Regolament (UE) 2018/1726, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, kif stabbilita minn dak ir-Regolament, tissostitwixxi u tissuċċedi l-Aġenzija, kif stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011. F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1726, ir-referenzi għar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li ġie mħassar għandhom jitqiesu bħala referenzi għar-Regolament (UE) Nru 2018/1726 u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

- (5) Kif speċifikat fil-premessa 52 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1726, ir-Renju Unit qed jieħu sehem f'dak ir-Regolament u huwa marbut bih. [L-Irlanda talbet li tipparteċipa f'dak ir-Regolament (UE) 2018/1726 f'konformità mal-Protokoll Nru 19 dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u nnotifikat ix-xewqa tagħha li taċċetta r-Regolament (UE) 2018/1726 f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE. Ir-Renju Unit u l-Irlanda jenħtieġ għalhekk li jagħtu effett lill-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1726 billi jieħdu sehem f'din id-Deċiżjoni. Ir-Renju Unit u l-Irlanda għalhekk qed jieħdu sehem f'din id-Deċiżjoni.]

- (6) Kif speċifikat fil-premessa 51 tar-Regolament (UE) 2018/1726, id-Danimarka mhix qed tiegħu sehem f'dak ir-Regolament u mhix marbuta bih. Id-Danimarka għalhekk mhijiex qed tiegħu sehem f'din id-Deċiżjoni. Minħabba li din id-Deċiżjoni, f'dak li jirrigwarda s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/JHA², is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE³, is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) stabbilita bir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hix ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-asil li ssir fid-Danimarka jew fi kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u l-'Eurodac' għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin¹, id-Danimarka trid tinnotifika lill-Kummissjoni dwar jekk hix ser timplimenta l-kontenut ta' din id-Deċiżjoni, f'dak li jirrigwarda l-Eurodac u DubliNet.

(7) L-Arranġament għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 66, 8.3.2006, p. 38.

Artikolu 1

L-Arranġament bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni¹.

It-test tal-Arranġament huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni⁺.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Arranġament ser jiġi ppubblikata f'*Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok ehmeż id-dokument ST 12367/18, b'kunsiderazzjoni għall-Corrigendum/Rectificatif li jinsab f'ST 13355/1/18 REV1.